MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru 420/2009

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
VS
SAVIOUR SEISUN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Saviour Seisun, ta’ 38 sena, iben Emanuel u Josephine nee’ Abela, imwieled fil-Pieta’ fl-1 ta’ Novembru 1970, residenti ‘ Paradise’ No. 74 Triq Bieb is-Sultan Zabbar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 470770(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-5 ta’ April 2009 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija,

jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

Fl-istess zmien u cirkostanzi, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta’ manifattura, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ tal-Avukat Generali (Dok.CM2) u dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti nghatat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Saviour Seisun, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 298, 298(1)(a)(b)(c)(f), 298B, 334 u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 72(1)(a)(b) tal-Kap.416 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospizi ghal sentejn.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece tal-kaz, u cioe illi l-imputat

xtara hwejjeg misruqa konsistenti fi kwantita’ konsiderevoli ta’ *parts* ta’ pupi tal-*Play Mobile*, assembiljahom kif deherlu u ppakkjahom f’manjiera li deherlu hu sabiex ibieghhom kif fil-fatt ghamel. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali ta’ l-imputat li turi biss tlett kontravenzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------